MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 58/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastas)**

**vs**

**Raymond Zarb**

**Seduta tal-lum 26 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Raymond Zarb** ta' 42 sena, bin Carmel u Maria Dolores *nee'* Spiteri, mwieled il-Gharghur fit-8 ta' Marzu, 1961, detentur tal-karta tal-identita' numru 239261M u residenti 54, Triq ix-Xitwa, Hal-Qormi;

Talli fis-17 t'Ottubru, 2003, f'Hal Qormi ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghaxija;

1. Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt Lira Maltin imma hija izjed minn hamein Lira Maltin u li liema hsara saret ghad-dannu ta' Mario Deguara u dan fuq vettura numru LAG 354;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Deguara u dan skond kif iccertifika it-Tabib Peter Micallef ta' Haz-Zebbug.

3. U fl-ahhar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbejt ghal Mario Deguara sabiex tingurjah, idejjqu jew taghmillu hsara.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-20 ta' Jannar, 2004, sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bi procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) Kap 9, u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati..

Rat l-artikoli 325(b) u 226 (1) (c), 339 (1) (d) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat kif ukoll illi l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni kollha.

Tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien disa' xhur mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------